MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 51/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Achille Pace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur ta' karta tal-identita` numru 292955M] bin Edgar u Rose nee Psaila mwieled fil-11 t'April, 1955 u li joqgħod 13 Jolin Flat 1 Triq Salvu Barbara Mosta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a) Għan-nom u in rappreżentanza ta' KTA Wholesale Limited u/jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, fid-9 ta' Ottubru, 2009 ġewwa KTA Wholesale Limited, Triq San Ġwakkin, Mrieħel, ipprovda jew offra li jipprovdi lill-

persuna oħra u/jew espona għall-bejgh oġġetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-riċevuti fiskali kif maħruġa jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 tal-istess Att.

b) Talli ukoll fid-9 ta' Ottubru, 2009 u/jew fil-ġimgħat li jiġu qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, biegħ "hand sanitizers" mingħajr ma rrilaxxa id-dokumentazzjoni fiskali neċessarja skond it-Tnax u/jew it-Tlettax-il Skeda ta' l-Att, u dan sabiex jevadi u/jew jonqos milli jħallas it-taxxa dovuta u/jew miġbura minnu, u dan bi ksur tal-artikoli 77(a),(b) u (1) u artikolu 81 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(b)(1)(o), 81 u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll it-Tnax u t-Tlettax-il Skeda tal-istess Kapitolu 406, sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u b'applikazzjoni tal-artikolu 17(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannatu multa komplessiva ta' €1050 u multa addizzjonali ta' €15, 690 rappreżentanti għaxar darbiet it-taxxa perikolata.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu tolqot is-sejbien ta' ħtija fuq l-ewwel akkuza, pero` tirriformaha in kwantu tolqot il-piena inflitta fuq l-appellant, billi din tirriżulta ferma gravjuri fil-konfront tal-allegat reat, tenut kont anke tal-assjem sħiħ tal-provi fil-kawża, tirrevokha in kwantu tirrigwarda t-tieni akkuza, u fir-rigward tal-istess akkuża tiddikjara lill-appellant innoċenti u tilliberah minn kull ħtija u piena skont il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti, fil-valutazzjoni u apprezzament tagħha tal-provi prodotti, naqset milli tagħti l-piż mistħoqq u tanalizza sew il-provi mressqa mill-appellant.

Mill-korp tas-sentenza appellata, jirriżulta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti fil-kawża. Skont l-appellant il-Qorti aċċettat it-teżi tal-prosekuzzjoni meta straħet fuq id-dokumenti prodotti mill-Prosekuzzjoni mingħajr eżami profond.

Il-Qorti naqset ukoll milli tagħti konsiderazzjoni xierqa lill-provi orali mressqa mill-imputat (issa appellant) u għamlet apprezzament ħażin tad-dokumenti ppreżentati mill-imputat. Il-Qorti ma rrealizzatx li r-riżultati li joħorġu mill-istess dokumenti jinnewtralizzaw l-imputazzjonijiet. Il-komputazzjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni hija mibnija fuq premessa skorretta. Il-Qorti naqset li tagħti importanza lill-komputazzjoni magħmula mill-Accountant Muscat li taqbel mal-istock History Report ippreżentat mill-appellant. (Dok AP 2)

Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-aggravju preċedenti, għandu jirriżulta illi l-piena nflitta hi ferm gravjuri fil-konfront tal-allegat reat.

Illi ġie ripetutament ritenut minn din il-Qorti, li dil-Qorti normalment ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti, sakemm din il-Qorti ma tqisx li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti tkun “unsafe and unsatisfactory” , u dana fis-sens li fuq il-provi li jkollha quddiemha l-Ewwel Qorti w li jkunu jinsabu traskritti fil-proċess, hi suppost li ma tkun qatt waslet għall-konklużjoni ta’ htija li tkun waslet għaliha. U dana għaliex għax kif ġie ritenut mill-Qrati Ingliżi :-

“..assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case, with the conclusion of the learned Magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the

witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to
whether an injustice may have been done, then, very exceptionally , a conviction will be quashed.” (Rex. v. Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice Widgery – Blackstone’s Criminal Practice (1991) p.1392 citat b’approvazzjoni fl-appell Kriminali
“Il-Pulizija vs. Brian Caruana” (23.5.02 ).’ Għalhekk l-eżami li ghandha tagħmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mall-konklużjoni ta’ ħtija raġġunta mill-Ewwel Qorti, izda jekk dik il-konklużjoni l-Ewwel Qorti setghetx ukoll tasal għaliha “safely” fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-eżerċizzju reviżjonarju ta’ din il-Qorti meta si tratta ta’ apprezzament ta’ fatti.

Ikkonsidrat;

Għalhekk din il-Qorti għamlet ezami approfondit tal-fatti biex tara jekk hemmx lok li hi tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz.

Il-Qorti semgħet il-provi mill-ġdid.

**Xhieda Prosekuzzjoni**

Għall-prosekuzzjoni xehed Matthew Borg. Dan qal li fid-9 t’Ottubru, 2010 kien mar ma’ kollega ieħor fl-azjenda ta’ KTA Wholesale Limited fejn kienu talbu lill-appelalnt ċwerti invoices u riċevuti. Żewġ rapporti kellhom ħafna ammonti reversed jew inkella bin-negative. Huwa spjega li jekk isir ‘reverse’ dan ifisser li jkun sar bejgħ iżda imbagħad jidher li qisu ma sarx. Huma kienu għażlu ta’ wieħed mill-istocks u għamlu physcial count tiegħu. Huma ħadu l-opening stock, naqqsu dak li sabu u d-differenza ma ġietx taqbel mal-ammont li kien inbiegħ. Id-differenza kienet ta’ tlettax-il elf, erba’ mija u ħmistax-il flixkun ta’ sanitizers. Ħadu l-karti li kellhom jieħdu u marru lura fid-dipartiment.

Fil-kontro-eżami huwa qal li kien ħejja r-rapport dak in-nhar stess. Huwa qal ukoll li l-ammont kien magħdud mat-taxpayer iżda ma kinux taw il-karta bl-ammont lit-taxpayer.

Xehed ukoll Emanuel Azzopardi li qal li kienu ndunaw li ċerti invoices kienu bil-minus sign u ċertu returns kienu fuq credit note. Waqt l-istock taking tas-sanitizers kienu ppustjaw u għaddew kollox fil-preżenza tal-appellant. L-oġġett kellu code għalih biss. Huma raw ukoll it-tax invoice meta impurthom. Huma sabu d-diskrepanza msemmija. Is-sistema komputerizzata ma kinitx approvata mid-dipartiment.

Fil-kontro-eżami huwa xehed li d-dokument li jidher a fol 25 u 26 huwa sales invoice journal għat-8 t'Ottubru waqt li huma marru fid-9 t'Ottubru. Ikkonferma wkoll li l-appellant kien tahom stock history report. Huma kienu mxew ukoll mas-suppliers' invoice.

Hawn id-difiża rrimarkat li l-Ispetturi kellhom jieħdu l-original stock, tara x'fadal u trid tara x'inbiegħ biex tara x'hemm nieqes.

Huwa kkonferma li kienu waslu għall-bejgħ ta' 2122 pakkett mill-istock history report. (Id-dokument 16b). **Huma u ħerġin huma qalu x'kienu sabu lill-appellant iżda ma għaddiet l-ebda karta bl-ammont iffirmata bejn l-appellant u l-ispetturi.**

**Xhieda Difiża**

Xehed ukoll l-appellant li qal li l-prodott għandu item number ZH 3040. Kien xtrah fid-29 ta' Settembru 2009 u kellu figura ta' għoxrin elf disa' mija u erbgħa. (Ara MB2 li hija l-karta tad-Dwana). Huwa beda jqassam il-prodott mal-ewwel. Meta ġew l-ispetturi kien hemm tliet pallets sħaħ u tliet pallets mibdija. Huwa ħarġilhom l-invoice tas-supplier. Huwa kien tahom stock history report tal-prodott miz-XH 3040 'il quddiem. Huwa spjegalahom li l-figuri kellhom in-negattiv għaliex l-istock kien ħiereġ. U qalilhom li għal xi 90% minnhom kien ser isibu stock

minus, minus,minus. Huwa kienu pprintjalhiom l-istock history sheet tas-7th u tal-8th. (16c u 16d). Is-sur Azzopardi kien qallu li sabu 367 boxes dak il-ħin stess. Kull box fiha 24 u l-appellant niżżel 8808. Għal seba' xhur ma sema' xejn minn għandhom. Meta rċieva ċitazzjoni huwa kien mar ikellem lis-sur Scicluna fil-VAT department li ssuġġerielu li jaħgmel stock take kif kien f'dak il-jum. Huwa ssuġġierlu wkoll li jieħu ritratt. Huwa kien talab lis-sur Scicluna biex jew jakkumpjanah hu jew jibgħat rappreżentant miegħu. Dan kien xogħol ta' għaxar minuti. Is-sur Scicluna qallu li kien jafdah iżda talbu biex iġib il-figuri dak in-nhar stess. Sar l-istock take kif ukoll ittieħed ir-ritratt. Ċempel lil tal-VAT dak il-ħin stess, qalilhom il-kwantita' li kien sab u mar ikellem lis-sur Scicluna.

Ix-xhud xehed ukoll dwar id-dokumenti li kien ippreżenta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, jiġifieri d-dokumenti AP1, AP2, AP3 u AP4.

AP1 huwa l-istock history report tal-prodotti kollha.
AP2 huwa l-istock history ta' ZH 3040 biss.
AP3 hija summary tal-moviment tal-istocks tal-hand sanitizers li saru minn meta ġie l-prodott fit-28 ta' Settembru u estendieh.
AP4 huwa d-dokument tas-Sur Silvio Muscat, certified public acountant and auditor.

Dan kien mar fuq il-propjeta' tiegħu fl-10 ta' Ġunju u għamel reconciliation sħiħa tal-opening stocks plus il-purchases u minus il-closing stock. Huwa sab diskrepanza ta' 13-il flixkun biss. A fol 52 joħorġu l-istocks li nbiegħu mit-28 ta' Settembru 2009 sat-8 t'Ottubru 2009. Ix-xhud qal li mit-28 ta' Settembru sat-8 ta' Ottubru kienu nbiegħu 11, 982. Dawn joħorġu minn AP2. L-ispetturi jidher li għaddew it-total tal-ewwel sheet u t-total tat-tieni sheet (16c u 16d) u ħarġu total ta' 2,122. Kien hemm items differenti minn dak li kienu qed jeżaminaw l-ispetturi u dawn xorta għaddewhom. Ix-xogħol accountancy wise ma kienx tajjeb anzi kien żbaljat. Huwa kien għamlilhom taħżiża biex jurihom li dawk il-prodotti m'għandhomx x'jaqsmu mal-handsanitizers iżda dawn xorta għaddew kollox. Huwa kien spjegalhom ukoll li

dawk ma kienu reverses xejn iżda kienu biss bilanċi ħerġin mill-istock. Dan isir biex inti tkun taf x'fadal. Minkejja li kein spjegalhom li dawn huma minuses, l-ispetturi xorta għaddewhom bħala positive. Biex jaslu għall-bejgħ kollu huma kellhom jieħdu mill-ewwel ġurnata (28 ta' Settembru) sat-8 ta' Ottubru. Huma ħadu ż-żewġ sheets ta' 2,122 meta t-total sales suppost li kienu 11, 982. Id-diskrepanza hija ta' disat elef tmien mija u sittin. Dak in-nhar stess kien hemm xi erba' jew ħames kaxxi oħra li 'Amanda' kellha toħroġ u dawn kienu biex jiġu invoiced u joħorġu. Fil-preżenza tal-ispetturi huwa kien qabad it-total stock ta' 20,904 (meta xtrahom) , ra il-bejgħ ta' dak in-nhar mill-istock history report, li kien hemm 11, 982 u spiċċa bir-riżultat ta' stock ta' 8922. Huwa wkoll kien sab diskrepanza ta' xi 100 flixkun.

Xhud ieħor kien is-sur Martin Pace li kkonferma li kien ħa r-ritratt.

Xhud oħra kienet Amanda Consoli li qalet li rat lill-ispetturi jgħoddu xi xogħol. L-imgħallem kien l-uffiċju u huma damu jgħoddu xi nofsiegħa jew tliet kwarti.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw.

Ikkonsidrat

Jekk wieħed janalizza l-aggravji msemmija mill-appellant, dawn jistgħu jkunu sintetizzati hekk: l-appellant kien ipproduċa dokumentazzjoni li turi l-biegħ tal-prodott mill-jum li fih inxtara minnu – it-28 ta' Settembru, 2009 sat-8 ta' Ottubru, 2009. Min-naħa l-oħra l-Ispetturi ibbażaw il-kalkoli tagħhom fuq żewġ dati biss, jiġifieri dak li bejgħ li sar fis-7 u fit-8 t'Ottubru, 2009. Hawn ukoll, skont l-appellant, sar żball minħabba li baqgħu jgħoddu bejgħ ta' prodotti li ma kellhomx x'jaqsmu mal-prodott ZH-3040.

L-ewwelnett il-Qorti qed tiskarta r-rapport tal-accountant imqabbad mill-appellant kif ukoll id-dokumentazzjoni dwar ir-ritratt għall-istess raġunijiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Jannar 2011 kif ukoll li dan huwa espert ex parte.

Iżda l-Qorti qieset bir-reqqa dak li jirriżulta mill-atti l-oħra. Mill-atti jirriżulta li l-ispezzjoni saret fid-9 t'Ottubru, 2009 u li spiċċat għal ħabta tal-11 ta' filgħodu.

Hemm qbil li meta nxtara l-istokk, dan kien jammonta għal 20, 904 biċċa (pieces) u li dan sar fit-28 ta' Settembru, 2009.

L-Ispetturi imbagħad xehdu u ppreżentaw rapport li fih huma qalu li, wara li sar eżami fiżiku, li huma sabu 5367 biċċa (pieces). Skont huma, mid-dokumentazzjoni li tahom l-appellant għal jumejn (7 u 8 t'Ottubru 2009) inbiegħu 2122 biċċa (pieces). Huma naqqsu dan l-ammont minn 20, 904 u hawn ir-riżultat kien ta' 18,782. Minn dan naqqsu dak li kien fadal – 5367 – u allure l-bejgħ li kien sar kien jammonta għal 13415-il biċċa u mhux għal 2122 biss.

Il-Qorti rat l-ammonti negattivi (jiġifieri l-istokk kien ħiereġ) tas-7 u tat-8 t'Ottubru għall-prodott ZH 3040 biss u sabet dawn il-figuri : 7 t'Ottubru 2009 1116; 8 t'ottubru 2009 - 726.

L-appellant iżda ppreżenta bil-ġurament kemm inbiegħ minn dan il-prodott mit-28 ta' Settembru sal-24 ta' Mejju 2010.

Għal dan il-każ id-dati relevanti huma mit-28 ta' Settembru 2009 sat-8 t'Ottubru, 2009 jew id-9 ta' Ottubru, 2009 meta saret l-ispezzjoni.

Il-Qorti għaddet il-figuri mogħtija mill-appellant (dawk li juru li l-istock ħiereġ) għal kull jum mit-t28 ta' Settembru 2009 sad-9 ta' Ottubru, 2009. Il-figuri huma dawn li ġejjin:

28 ta' Settembru 2009 2124
29 ta' Settembru 2009 3444
30 ta' Settembru 2009 937
01 t'Ottubru 2009 1704
02 t'Ottubru 1800
03 t'Ottubru 360

04 t'Ottubru 0
05 t'Ottubru 0
06 t'Ottubru 0
07 t'Ottubru 1116
08 t'Ottubru 706 Total sat- 8 t'ottubru 2009: 12191

09 t'Ottubru 240 Total sad-9 t'Ottubru, 2009: 12 431.

Il-Qorti mbagħad baqgħet tgħodd sal-24 ta' Mejju 2010 skont id-dokument intier li ppreżenta l-appellant. Il-figuri qed jidhru fil-footnote.[1]

L-appellant ippreżenta dokument li juru l-bejgħ tal-prodott mit-28 ta' Settembru 2009 sat-8 ta' Ottubru, 2009 (lejliet l-ispezzjoni). Il-figuri huma hekk:

| | | |
|---|---|---|
| 28 ta' Settembru | 2009 | 2100 |
| 29 ta' Settembru | 2009 | 3444 |
| 30 ta' Settembru | 2009 | 924 |
| 01 ta' Ottubru | 2009 | 1656 |
| 02 ta' Ottubru | 2009 | 1728 |
| 03 ta' Otturbu | 2009 | 360 |
| 07 ta' Ottubru | 2009 | 1068 |
| 08 ta' Ottubru | 2009 | 702 |

Cumulative sales għal dan il-perjodu 11982.

Id-differenza bejn dak li ħadmet il-Qorti fuq id-dokumenti esibiti mill-appellant u dak li ħadem hu fuq l-istess dati sat-8 t'ottubru 2009 hija li l-Qorti sabet bejgħ ta' 209 biċċa (pieces) aktar.

Issa mill-figura ta' meta nxtara l-istock 20904 wieħed inaqqas dak l-ammont ta' biċċiet (pieces) misjuba mill-

[1] 12/10/2009: 288; 13/10/2009: 72; 14/10/2009: 216; 15/10/2009: 912; 19/10/2009: 120; 20/10/2009: 324; 21/10/2009: 240; 23/10/2009: 98; 27/10/2009: 84; 28/10/2009: 48; 29/10/2009: 48; 29/10/2009: 72; 30/10/2009: 120; 3/11/2009: 24; 4/11/2009: 48; 9/11/2009: 36; 11/11/2009: 1; 13/11/2009: 24; 17/11/2009: NIL; 18/11/2009 48; 1/12/2009: 48; 10/12/2009: 72; 16/12/2009: 72; 22/12/2009/24; 7/01/2010: 24; 12/01/2010: 120; 13/01/2010: 24; 14/01/2010: 24; 18/01/2010: 24; 21/01/2010: 24; 2/02/2010: 24; 3/02/2010: 72; 8/02/2010: 6; 9/02/2010: 10; 16/02/2010: 72; 10/03/2010: 36; 16/03/2010: 1; 17/03/2010: 1; 23/03/2010: 24; 30/03/2010: 24; 12/04/2010: 24; 24/05/2010: 24; (Total għal dawn id-dati: 3537)

Ispetturi, jiġifieri, 5367, jibqa' l-figura ta' 15,537 li suppost turi kemm inbiegħu biċċiet (pieces).

Il-Qorti temmen li l-Ispetturi sabu 5367 pieces. Skont ir-rapport l-appellant kien fiżikament preżenti waqt l-għadd. Jekk għażel li ma jkunx preżenti dan ma jfissirx li l-ispetturi ma wettqux dmirhom bir-reqqa jew li l-figura hija qarrieqa. Mill-mod kif xehdu quddiemha, il-Qorti qed tikkonkludu li xehdu l-verita'.

Il-problema kollha hawn hi fuq liema figuri huma ħadmu. Mid-dokument ippreżentat minnhom jidhru li huma bbażaw il-figura tal-actual sales fuq dak li jidher reġistrat għas-7 u t-8 ta' Ottubru 2009. Min-naħa l-oħra l-Qorti tqis l-istorja tal-bejgħ ippreżentata mill-appellant hija ta' min joqgħod fuqha. L-ispjega mogħtija li l-istock beda ħiereġ malajr għax kienet għadha kif bdiet l-iskola u kien hemm talba qawwija għalih. Filfatt, mill-figuri fil-footnote, jirriżulta li t-talba għall-prodott naqset sew malli qalbu l-ewwel xhur tal-iskola.

Mill-proċess jidher li l-istock kien 20904. Jekk wieħed inaqqas in-numru ta' biċċiet (pieces) li sabu l-Ispetturi, jiġifieri 5367, allura l-bejgħ kellu jkun ta' 20904 minus 5367 jew 15537 f'bejgħ. Mill-figuri mogħtija mill-appellant stess (għall-perjodu 28 ta' Settembru, 2009 sad-8 ta' Ottubru 2009) jidher li din il-figura hija ta' 11982. Ma' dan il-Qorti qed iżżid il-figura tad-9 ta' Ottubru, 2009, jiġifieri l-jum meta saret l-ispezzjoni. Din kienet ta' 240 u għalhekk il-bejgħ totali kien ta' 11982 + 240 = 12222. Allura d-diskrepanza bejn dak li matematikament inbiegħ u dak li matematikament kien irraportat hija ta' 3315 (biċċa) (pieces).

Il-matematika tal-Vat għal dan l-oġġett hija:

| | | |
|---|---|---|
| Prodott | | 3315 |
| Prezz tal-bejgħ | x | 0.65 |
| Dħul | | 2154.75 |
| | | |
| 18% VAT | | 387.85 |

Konklużjoni

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(b)(l)(o), 81 u 82 tal-Kap 406 u l-artikolu 17(1)(f) tal-Kap 9, qed **tirriforma** s-sentenza billi, waqt li qed **tikkonfermha** fejn sabet ħtija kemm għall-ewwel kif ukoll għat-tieni imputazzjoni u fejn ikkundannatu jħallas multa komplessiva ta’ €1050, qed **tirriformha** kif ġej: billi tħassar dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal multa addizzjonali ta’ €15,690 u minflok, qed tikkundannah multa addizzjonali ta’ €3878.50 rappreżentanti għaxar darbiet it-taxxa perikolata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------